**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU GĦOXRIN**

**12 ta' DIĊEMBRU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**SKUŻATA**

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri kienet skużata minħabba li tinsab imsiefra.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**20.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

20.1.1 Fir-rigward ta' punt 19.1.2 il-*mile stone* ġiet imwaħħla mill-ħaddiema tal-ETC, imma x-xogħol ma ntogħġobx għalhekk kien hemm qbil li ssir works order biex jagħmilha l-kuntrattur.

20.1.2 Fir-rigward ta' punt 19.1.3 il-membru Joseph Caruana qal li l-kuntrattur m'għamilx ix-xogħol li kien mitlub li jagħmel u barra minnhekk ma tkellimx xieraq mal-membru tal-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-kuntrattur wara li jagħddu l-festi.

20 1.3 Fir-rigward ta' punt 19.1.4 kien hemm qbil li ninsitu mal-kuntrattur biex ilesti x-xogħol ta' kurduna madwar l-art vojta ta' Triq il-Qiegħa.

20.1.4 Fir-rigward ta' punt 19.1.5 iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat Amministrattiv li kellhom jinxtraw xi *cables, plugs u fittings* biex jintrama t-tiżjien tal-Milied.
Kien hemm qbil li jerġa jitwaħħal il-presepju f'Misraħ Santa Marija mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv stess.

20.1.5 Fir-rigward ta' punt 19.2.4 iċ-Chairperson Pierre Farrugia avża li ser issir laqgħa fl-20 ta' Diċembru, fit-8.30 ta' filgħodu, bejn il-perit tal-Kunsill, il-kuntrattur u l-korporazzjonijiet involuti biex isiru Triq Goswalda Calleja u parti minn Triq Dun Nard Mallia bit-tarmak.

20.1.6 Fir-rigward ta' punt 19.4.2 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li għandha tintbagħat reminder lill-Perit Bezzina biex jinforma min kien il-perit li ħejja r-rapport tar-restawrar tal-istatwa ta' Santa Marija.

20.1.7 Fir-rigward ta' punt 19.4.5 il-Kumitat Amministrattiv ġabar stima li tammonta għal €1,077.35 biex jitwaħħlu 5 lampi ġodda fi Triq Ħal Far.
Kien hemm qbil li l-ewwel jitħallas ix-xogħol ta' resurfacing u bankini fi Triq Goswalda Callejja u Triq Dun Nard Mallia u wara jiġu ordnati tali lampi.

20.1.8 Il-minuti tas-seduta numru 19 ġew approvati.

***20.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

20.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fi Triq Kalanġ Bugeja t-tarmak li sar mit-TM sar ħażin għax it-triq diġa għandha ħsarat konsiderevoli, fosthom qsiem u sfrundar ta' partijiet mit-triq. Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra diġa għamel rapport lill-Perit Grazziella Galea tat-TM.

Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra jitlob rapport lill-Perit Bezzina biex jintbagħat lit-TM.

20.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-fuljett 'Leħen Bubaqra' tqassam imma kien hemm xi djar li nqabbżu u oħrajn li rċevewha doppja. Kien hemm qbil li l-kumpanija tiġi kkuntatjata biex għal darb'oħra x-xogħol isir aħjar.

20.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa biex il-laqgħa annwali li ssir fis-sala ta' fejn Kappella ta' Bubaqra, ssir

nhar is-16 ta' Jannar, 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija.
Kien hemm qbil li l-Arċipriet jiġi nfurmat.

### *20.3 Riċeviment tal-Milied għat-tfal*

20.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li għar-riċeviment tat-tfal inkitbu 50 persuna.
Kien hemm qbil li minħabba l-volum ta' dawk interessati, l-post tar-riċeviment jinbidel u jsir fl-Aida Hall. Kien hemm qbil ukoll li l-ikel isir għand Eurocaterers (taż-Żurrieq) għall-prezz imraħħas ta' €1.25 għal kull persuna.
Iċ-Chairperson qal li qed jiġbor l-isponsors biex isir tali riċeviment u li ser jintefqu hekk għall-kull persuna:
€1.25 ikel u rigal ta' €4.

Ix-xorb ser jinġab bla ħlas u d-Dulli ser jagħti s-servizz tiegħu b'xejn ukoll. Is-servizz tal-*magician* ser jiswa €70 u l-ħasil tas-sala €50.

Kien hemm qbil li jibqa jinżamm il-booking sa nhar il-Ġimgħa u wara jiġi kkuntatjat Eurocaterers biex jiġi mgħarraf in-numru eżatt ta' dawk mistiedna, filwaqt li jiġu kkuntatjati dawk li diġa inkitbu biex jiġu mgħarrfa bil-bdil tal-post.

### *20.4 Ilmenti u Suġġerimenti*

20.4.1 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li jsir xogħol ta' patching fi Triq Gio Battista Riccio, Triq it-Torri u Triq G M Callus. Kienhemm qbil li tinħareġ works order għax-xogħol.

20.4.2 Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa biex fis-sala tal-Kunsill amministrattiv jitwaħħal ritratt tal-Kumitat Amministrattiv hekk kif hemm imwaħħla r-ritratti kollha ta' kull kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

20.4.3 Il-membru Joseph Caruana qal li tkellem mas-Sur Emanuel Delia mit-TM fir-rigward biex l-Arriva titla sal-HOS Bubaqra. Is-Sur Delia qallu li ser iressaq s-suġġeriment tiegħu.

20.4.4 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Santa Marija ma' blokk bini li jinsab fin-nofs minħabba li sidien tal-garaxxijiet ma jkunux jistgħu jdaħħlu u joħorġu l-vetturi tagħhom meta jkun hemm vetturi pparkjati fil-kantuniera.
Kien hemm qbil fuq dan.

20.4.5 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex issir lampa ġdida fi Triq Dun Nard Mallia fejn il-garaxxijiet minħabba li dik il-parti tinsab mudlama ħafna.
Kien hemm qbil fuq dan.

20.4.6 Il-membru Annetto Bugeja qal li ġie avviċinat minn residenti fejn issuġġerew li jsiru linji u marki ta' direzzjoni fi Triq in-Nigret k/m Triq Isward Xuereb.
Kien hemm qbil li tali marki jsiru wara li jitlesta l-proġett.

***20.5 Appuntament għas-seduta li jmiss***

20.5.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

20.5.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-7.20 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2012.

| | |
|---|---|
| Pierre Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |